MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2011

Appell Civili Numru. 1/1997/3

**Kummissarju tal-Artijiet**

**v.**

**Maria Teresa Deguara Caruana Gatto, Maria Theresa maghrufa bhala Terry mart Brigadier Arthur Gera, Philip Amato Gauci u Giovanna maghrufa bhala Jean armla ta' Anthony Soler bhala eredi ta' Beatrice Amato Gauci, Helen Miles, Nicholas Jensen, Agnes Gera de Petri, Anna Maria Spiteri Debono f'isimha proprju u f'isem l-assenti Caren Preziosi, Alfred Gera de Petri bhala Prokuratur tal-assenti Irene Bache u bhala esekutur tal-eredita` ta' Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq**

**Il-Qorti:**
**Preliminari:**

F’sentenza moghtija fis-27 ta’ Marzu, 2006 mill-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet fil-kawza fl-ismijiet premessi, jinghad hekk:
“Il-Bord,

“Ra r-rikors ghar-ritrattazzjoni tal-Kummissarju ta’ l-Artijiet li jesponi bir-rispett:

“Illi b’rikors fl-ismijiet premessi pprezentat fil-Bord ta’ l-Arbitragg dwar artijiet mill-esponent fil-25 ta’ Jannar, 1994. Ir-rikorrent wara li ppremetta illi b’ittra ufficjali tat-22 ta’ Mejju 1991, l-intimati kienu gew notifikati b’kopja ta’ Dikjarazzjoni tal-President ta’ Malta dikjaranti li l-proprjeta’ 223/224/225/226/227 Triq ix-Xatt Msida kienet mehtiega ghal skopijiet pubblici u li l-akkwist taghha kellu jsir b’xiri assolut, u illi l-intimati gew notifikati b’avviz ghall-ftehim fejn gew infurmati li l-kumpens illi l-awtorita’ kompetenti kienet lesta thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera l-imsemmija proprjeta’ kien ta mija u disgha u ghoxrin elf lira (Lm129,000) kif rizultanti mir-rapport anness tal-Perit Oscar Caruana Montaldo, u illi b’ittra ufficjali tal-14 ta’ Gunju 1991, u d-29 ta’ Mejju 1991, l-intimata Anna Maria Spiteri Debono proprio et nomine u l-intimati l-ohra rispettivament iddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u talbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta’ Lm250,000 u Lm380,000 rispettivament; u wara li gie premess ukoll illi b’cedola ta’ depozitu ipprezentata fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta’ Ottubru 1993 r-rikorrent kien iddepozita l-kumpens offert u dan ghat-terminu ta’ l-Artikolu 22(4) tal-Kapitolu 88 (dak li skond l-istess artikolu ma kienx jimpedixxi lill-intimati milli jkomplu jikkontestaw quddiem il-Bord l-ammont offert, li pero l-esponent ikkonferma), ir-rikorrent talab li l-Bord joghgbu jiffissa l-kumpens ghall-proprjeta’ fuq imsemmija skond id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 88.

“Illi b’sentenza tal-10 ta’ Ottubru 1996 il-Bord, wara li ppremetta illi skond ir-relazzjoni tal-periti assessuri

annessa ma’ l-istess sentenza, l-istima, gusta tal-proprjeta’ fuq imsemmija flimkien ma’ proprjeta’ ohra 2/3/4, Triq Qrejten Imsida, indikati fl-avvizi (plurali), msemmija u murija b’kulur bordura hamra fuq pjanti Drawing No L/D 254/87 a fol 13 tal-process, bhala liberi u franki, tammonta ghas-somma kumplessiva ta’ Lm205,000 laqa’ t-talbiet dedotti fir-rikors u ordna favur r-rikorrent Kummissarju ta’ l-Art it-trasferiment b’titolu ta’ xiri assolut tal-“fondi fuq imsemmija” bhala liberi u franki versu “l-kumpens imsemmi” ta’ Lm205,000 u innomina lin-Nutar Dr Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta’ l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippublika l-att relattiv fit-8 ta’ Dicembru 1996 fit-3 ta’ wara nofs in-nhar fl-ufficcju ta’ l-esponent, innomina lill-Avukat Tania Sciberras Camilleri biex tidher ghal kontumaci fuq l-att u ordna illi l-ispejjez ta’ dik il-procedura u dawk tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt jithallsu mir-rikorrent.

“Illi r-rikorrent hass ruhu aggravat b’din is-sentenza in kwantu (1) applikat il-ligi hazin, kif jinghad fl-artikolu 811(e) tal-Kodici ta’ Procedura Civili; (2) giet moghtija fuq haga mhux imdahhla fit-talba, kif jinghad fl-artikolu 811(f) ta’ l-istess Kodici; (3) biha gie moghti izjed minn dak li ntalab, kif jinghad fl-artikolu 811(g) ta’ l-istess Kodici; (4) is-sentenza kienet effett ta’ zball li jidher mill-attijiet jew mid-dokumenti tal-kawza, kif jinghad fl-artikolu 811(l) ta’ l-istess Kodici; u (5) tinkludi disposizzjonijiet kontradittorji kif previst mill-artikolu 811(i) u dan kif ser jigi indikat:-

“Illi infatti mill-“konsiderandi” tas-sentenza hu car li s-somma imsemmija fid-dispositiv tirreferixxi mhux biss ghall-proprjeta’ meritu tal-prezenti kawza imma wkoll ghall-proprjeta’ ohra meritu ta’ kawza ohra u inoltre ma ttihidx kont tal-fatt (rizultanti mir-rikors) li parti mis-somma kienet diga’ giet depozitata ghat-terminu ta’ l-Artikolu 22(4) tal-Kapitolu 88, u f’dan is-sens is-sentenza tikkontjeni disposizzjonijiet fontradittorji, iddecidiet fuq haga mhux imdahhla fit-talba, gie moghti biha izjed milli intalab u kienet effett ta’ zball li jidher mill-attijiet jew mid-dokumenti tal-kawza, kif fuq inghad; u peress illi inoltre, waqt li r-rikorrenti talab fir-rikors tieghu li jigi biss iffissat il-kumpens ghall-proprjeta’ msemmija fl-istess rikors skond

id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 88, il-Bord mar oltre u, u fil-waqt li ddikjara li laqa' "t-talbiet" dedotti fir-rikors (li fil-fatt kienet biss talba wahda ghall-fissazzjoni biss ta' kumpens stante li t-trasferiment kien diga' skond il-ligi sar bl-imsemmi depozitu) ordna favur ir-rikorrent it-trasferiment b'titolu ta' xiri assolut tal-fondi fuq imsemmija versu l-kumpens ta' Lm205,000 u ghamel hatriet opportuni, mentri ma jistax isir trasferiment ta' haga diga' trasferita ope legis bl-imsemmi depozitu (Art 22(4) tal-Kap 88), depozitu li fil-fatt kien gie mitlub mill-istess intimat u gie indikat ukoll fir-rikors tar-rikorrent, f'dan is-sens is-sentenza applikat hazin il-ligi (stante li kien imissha applikat l-artikolu 25(1)(e) tal-Kapitolu 88), tikkontjeni disposizzjonijiet kontradittorji, iddecidiet fuq haga mhux imdahhla fit-talba, gie moghti biha izjed milli ntalab u kienet effet ta' zball li jidher mill-attijiet jew dokumenti tal-kawza;

"Ghaldaqstant l-esponent fil-waqt li jaghmel riferenza ghall-provi kollha prodotti u jirriserva li jressaq dawk il-provi l-ohra premessi mill-ligi, jitlob bir-rispett illi dan l-Onorabbli Bord joghgbu ghar-ragunijiet premessi jhassar u jirrevoka l-imsemmija sentenza tieghu ta' l-10 ta Ottubru 1996, fil-kawza bl-ismijiet premessi u ghall-istess ragunijiet jordna r-ritrattazzjoni ta' l-istess kawza bl-ispejjez.

"Ra r-risposta ta' Anna Maria Spiteri Debono f'isimha proprju u f'isem l-assenti Caren Preziosi, li jesponu bir-rispett:

"Illi fl-ewwel lok ir-ritrattazzjoni saret sija b'rikors kif ukoll b'citazzjoni u wahda minn dawn il-proceduri hija kompletament inutili u ghandha tigi dikjarata nulla;

"Illi fit-tieni lok u in linea preliminari ma hemmx dritt ghall-ritrattazzjoni minn decizjoni tal-Bord ta' l-Arbitragg Dwar Artijiet billi l-att rilevanti l-Kap 88 ma jikkontemplax tali rimedju;

"Illi fil-mertu huwa minnu li donnu ir-relazzjoni tal-periti assessuri annessa mad-decizjoni ta' l-10 ta' Ottubru, 1996

kienet tikkoncerna ukoll proprjeta’ ohra apparti dik in kontestazzjoni. Jekk din is-sottomissjoni kellha tigi accettata allura jkun mehtieg li ssir stima gdida minn assessuri ohrajn nominati ghall-dawn l-iskop;

“Illi dwar ir-ragunijiet l-ohra migjuba l-quddiem ghar-ritrattazzjoni dawn ma jwasslux ghan-nullita’ tas-sentenza billi l-posizzjoni hija ekwipolenti u ma hemm xejn kontra l-ligi fid-decizjoni tal-Qorti li ghandu jerga isir trasferiment.

“Illi inoltre l-esponent jissolleva li dina r-ritrattazzjoni qeghda isservi bhala mezz biex il-pagament dovut jibqa’ ma jsirx u dan bi vjolazzjoni tad-dritt tal-proprjeta’ ta’ l-intimat. Illi inoltre u fl-ahhar nett l-intimati jirrilevaw li qieghed jigi vjolat id-dritt fondamentali taghhom ghal smieh xieraq f’terminu ragonevoli. L-esponenti jissottomettu li bl-ebda mod ma ghandhom ibatu xi spejjez relattivi ghall-dawn il-proceduri.

“Ra r-risposta ta’ Maria Teresa Deguara Caruana Gatto, Beatrice Amato Gauci, Helen Miles, Nicholas Jensen, Agnes Gera de Petri, u Alfred Gera de Petri bhala prokuratur ta’ l-assenti Irene Bache u bhala esekutur ta’ l-eredita’ ta’ Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq, li jesponu bir-rispett:

“Illi fl-ewwel lok ir-ritrattazzjoni saret sija b’rikors kif ukoll b’citazzjoni u wahda minn dawn il-proceduri hija kompletament inutili u ghandha tigi ddikjarata nulla;

“Illi fit-tieni lok u in linea preliminari ma hemmx dritt ghall-ritrattazzjoni minn decizjoni tal-Bord ta’ l-Arbitragg Dwar Artijiet billi l-att rilevanti l-Kap 88 ma jikkontemplax tali rimedju;

“Illi fil-mertu huwa minnhu li donnu r-relazzjoni tal-periti assessuri annessa mad-decizjoni ta’ l-10 ta’ Ottubru 1996, kienet tikkoncerna ukoll proprjeta’ ohra apparti dik in kontestazzjoni. Jekk din is-sottomissjoni kellha tigi accettata allura jkun mehtieg li ssir stima gdida minn assessuri ohrajn nominati ghal dawn l-iskop;

“Illi dwar ir-ragunijiet l-ohra migjuba l’quddiem ghar-ritrattazzjoni dawn ma jwasslux ghan-nullita’ tas-sentenza billi l-posizzjoni hija ekwipolenti u ma hemm xejn kontra l-ligi fid-decizjoni tal-Qorti li ghandu jerga’ isir trasferiment.

“Illi inoltre l-esponent jissolleva li dina r-ritrattazzjoni qieghda isservi bhala mezz biex il-pagament dovut jibqa’ ma jsirx u dan bi vjolazzjoni tad-dritt tal-proprjeta’ ta’ l-intimat. Illi inoltre u fl-ahhar nett l-intimati jirrilevaw li qieghed jigi vjolat id-dritt fondamentali taghhom ghal smiegh xieraq f’terminu ragonevoli. L-esponenti jissottomettu li bl-ebda mod ma ghandhom ibatu xi spejjez relattivi ghall-dawn il-proceduri.

“2. Ra li l-intimati ma accettawx il-kumpens u talbu rispettivament Lm225,000 u Lm380,000.

“3. Ra d-digriet tieghu tat-12 ta’ Ottubru, 2005 li bih rega’ hatar lill-Periti Renato La Ferla u l-AIC Joseph Jaccarini biex jaghmlu access u jiehdu konjizzjoni ta’ dak id-digriet. Il-Bord iddiskuta mal-periti r-rapport taghhom. Billi l-proprjeta’ ‘de quo’ m’ghadhiex tezisti imma kien bini u li kien ghalxejn li jsir access. Huma affermaw ir-rapport taghhom u hallew f’idejn il-Bord jiddeciedi l-kumpens skond tibdil li sar fil-ligi.

“4. Il-periti stmaw il-kumpens dovut ghal trasferiment tal-fondi fuq imsemmija fl-ammont ta’ Lm1, 681,895.

“5. L-ghola ammont li ntalab hu ta’ Lm380,000 skond it-tibdil li sar fil-ligi l-Bord, minkejja r-relazzjoni tal-periti ma jistax imur oltre.

“6. Ghalhekk il-Bord jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u jordna lill-intimati jitrasferulu l-fondi fuq imsemmija bhala liberi u franki b’titolu ta’ xiri assolut bil-kumpens ta’ Lm380,000 li minnhom hemm depositati ta’ Lm129,000 taht l- Awtorita’ tal- Qorti. Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku biex jippubblika l-att fis-17 ta’ Mejju, 2006 fid-9.30 fl-ufficcju tar-rikorrent.

Jahtar ukoll lil Dr Stephen Muscat biex jidher fuq l-att ghall-kontumaci.

“L-ispejjes jithallsu mir-rikorrent skond il-ligi.”

Fil-verita` din is-sentenza nghatat wara talba ghar-ritrattazzjoni maghmula mill-Kummissarju tal-Artijiet li b’rikors intavolat fl-10 ta’ Jannar, 1997 talab li s-sentenza tal-10 ta’ Ottubru, 1996 moghtija mill-istess Bord fil-proceduri istitwiti fil-25 ta’ Jannar, 1994 bin-numru 2/94 tigi mhassra u li tigi ordnata r-ritrattazzjoni tal-istess kawza. Din it-talba giet milqugha b’sentenza tat-8 ta’ April, 2003 u konsegwentement il-Bord ordna r-ritrattazzjoni tal-istess kawza.

Mis-sentenza tas-27 ta’ Marzu, 2006 hawn fuq riportata appellaw il-kontendenti kollha.

(a) Ir-rikorrent Kummissarju tal-Artijiet qed jitlob:

i. Ir-revoka tad-digriet tal-4 ta’ Gunju 2002 fejn gew nominati Periti in sostituzzjoni ta’ dawk nominati originarjament;

ii. Ir-revoka tad-decizjoni tal-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet tat-12 ta’ Settembru 2005 u minflok tordna illi l-kawza kellha tkompli u ghandha tkompli tinstema mill-Bord kif originarjament kompost;

iii. Ir-revoka tas-sentenza tas-27 ta’ Marzu, 2006 billi kif jidher min-numru tar-rikors citat fl-okkju, din ma nghatatx fl-atti tal-kawza principali izda nghatat fl-atti tar-rikors ghar-ritrattazzjoni li kien ilu li gie deciz finalment; u

iv. Fil-kaz li din il-Qorti jidhrilha li ma tissussistix nullita` fis-sentenza tas-27 ta’ Marzu, 2006, thassarha u tirrevokaha u minflok terga’ tibghat l-atti lura lill-Bord sabiex il-kawza terga’ titqieghed fl-istat li kienet qabel is-sentenza tal-Bord tal-10 ta’ Ottubru, 1996 u tigi trattata u

deciza mill-istess Bord kif kompost qabel l-10 ta’ Ottubru 1996.

L-intimati kollha, f’zewg rikorsi separati li huma *press-a-poco* identici talbu li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet fis-27 ta’ Marzu, 2006 u tiddeciedi billi tistabbilixxi l-kumpens xieraq ghat-trasferiment b’xiri assolut tal-proprjeta` mehuda b’esproprjazzjoni u cioe` tal-propreta` 223, 224, 225, 226 u 227 Marina Street, Msida f’dak l-ammont li stabbilixxew il-periti tal-istess Bord u cioe` fl-ammont ta’ miljun, sitt mija u wiehed u tmenin elf, tmien mija u hamsa u disghajn Lira Maltija (Lm1,681,895.00).
In sintezi jidher li l-intimati appellanti qed isostnu zewg punti fir-rikors taghhom u cioe`:-

a) illi huma qeghdin isofru pregudizzju minhabba illi gew applikati l-emendi tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfront taghhom u bhala konsegwenza huma ma kienux qeghdin jinghataw il-kumpens li haqqhom. Huma jsostnu li skont il-ligi kif kienet meta nbdew il-proceduri originali quddiem il-Bord u anke meta bdew il-proceduri ta’ ritrattazzjoni quddiem il-Bord, il-kumpens dovut lilhom kellu jkun dak li jirraprezenta l-valur tal-art fuq is-suq fid-data tan-notifika tal-Avviz ghal Ftehim; u

b) illi d-disposizzjonijiet transitorji b’mod partikolari l-Artikolu 4 tal-Att XVII tal-2004 ma japplikawx ghal proceduri odjerni stante illi l-proceduri biex jithallas il-kumpens kienu gja` nbdew quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet.

L-appelli msemmija gew appuntati quddiem l-Imhallef Philip Sciberras li b’digriet tat-23 ta’ Ottubru, 2006 appunta l-istess ghas-smiegh ghas-seduta tat-22 ta’ Novembru, 2006. F’dik l-udjenza l-appell gie trattat u differit ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghall-24 ta’ Jannar, 2007.

Fl-24 ta’ Jannar, 2007, l-Onorabbli Qorti tal-Appell, kif dakinhar komposta, minflok ma ppronunzjat ruhha fuq il-mertu, ipprovdiet bil-mod segwenti:

“Il-Qorti,

“Ezaminati l-atti ta’ l-appell interposti mill-kontendenti, jirrizultaw dikjaratament fihom aggravji bazati fuq allegazzjonijiet ta’ ksur ta’ principji Kostituzzjonali u Konvenzjonali. Hekk ir-rikorrenti [recte: intimati] qed jallegaw ksur ta’ l-Artikolu 37 (1) tal-Kostituzzjoni u vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319). Dan in referenza ghall-proviso introdott bl-Att XVII ta’ l-2004 ghall-Artikolu 25 tal-Kapitolu 88. Minn naha l-ohra l-Kummissarju qed jallega ksur tal-principju fondamentali tas-smigh xieraq ghal motiv li l-istima tal-periti Jaccarini u Laferla tivvjola l-principju tal-imparzjalita` u ta’ l-indipendenza;

“Il-Qorti jidhrilha li ghall-importanza taghhom il-kontestazz-jonijiet tal-lezjoni tal-jeddijiet fundamentali involuti ghandom jigu mistharrga u approfonditi mill-forum idoneju;

“Konsegwentement, filwaqt li l-Qorti tordna s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, tordna ukoll ai termini ta’ l-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u tal-Kapitolu 319 illi l-atti jigu riferiti lill-Prim’ Awla, Qorti Civili biex din taghti l-gudizzju taghha fuq dawk il-materji puri ta’ indoli kostituzzjonali u konvenzjonali. Fil-frattemp, l-appelli qed jigi differiti sine die, riappuntabbli fuq talba b’rikors ad hoc minn xi wahda mill-partijiet, wara d-decizjoni ta’ dik il-Qorti l-ohra.”

Il-proceduri Kostituzzjonali gew determinati finalment b’sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-6 ta’ Settembru, 2010 meta dik il-Qorti pprovdiet bil-mod segwenti:-

“61. Konsegwentement dina l-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, (a) thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fit-totalita` taghha; (b) tiddikjara illi l-emenda introdotta bl-Att XVII tas-sena 2004 bhala proviso ghas-subinciz (1) ta’ l-Artikolu 25 ta’ l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ l-Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88) u applikata fid-decizjoni tal-Bord ta’ l-Arbitragg dwar l-Artijiet tas-27 ta’ Marzu, 2006 fil-kawza fl-ismijiet “Il-Kummissarju ta’ l-Artijiet vs Maria Teresa Deguara Caruana Gatto et” (Rikors numru 1/1997)

ma illedietx id-dritt ta’ proprjeta` ta’ l-intimati appellati kif protett mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea; (c) tiddikjara li l-Kummissarju ta’ l-Artijiet – bhala enti governattiva – huwa legalment impedut milli jallega ksur fil-konfront tieghu tad-dritt ghall-smiegh xieraq kif protett taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe rimedju iehor li huwa jista` jkollu skond il-ligi ordinarja si et quatenus; u (d) tordna lir-Registratur jghaddi lura l-atti lill-Qorti ta’ l-Appell (komposta kif suppost) sabiex din tiehu konjizzjoni ta’ din is-sentenza fil-proceduri pendenti quddiemha. …….”

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li qabel ma jigu kunsidrati d-diversi aggravji tal-kontendenti li, fil-verita` llum huma sorvolati b’dak li gie deciz mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali bis-sentenza taghha tas-6 ta’ Settembru, 2010, trid tigi ezaminata l-pregudizzjali sollevata mill-Kummissarju tal-Artijiet fl-ewwel aggravju tieghu. Qed jinghad infatti li s-sentenza appellata hija nulla billi “*kif jirrizulta ukoll min-numru tar-rikors citat fl-okkju, din ma nghatatx fl-atti tal-kawza principali izda inghatat fl-atti tar-rikors ghar-ritrattazzjoni li kien ilu li kien gie deciz finalment.*”

Il-fatti:-

a) Fil-25 ta’ Jannar, 1994 il-Kummissarju tal-Artijiet epprezenta rikors quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet kontra Maria Teresa Deguara Caruana Gatto et (Rikors numru 2/94) fejn, wara li ppremetta li l-intimati kienu b’ittra ufficjali tat-22 ta’ Mejju, 1991 gew notifikati b’kopja tad-Dikjarazzjoni tal-President ta’ Malta fejn gie dikjarat li l-proprjeta` fi Triq Ix-Xatt, l-Imsida bin-numri 223 sa 227 kienet mehtiega ghal skopijiet pubblici u li l-akkwist taghha ghandu jsir b’xiri assolut. Fl-istess rikors intqal li l-intimati kienu gew ukoll notifikati b’Avviz ghall-Ftehim u saret offerta ta’ Lm129,000.00,0. Jinghad ukoll li din l-offerta kienet giet rifjutata billi l-intimati Anna Maria Spiteri Debono u ohta Caren Preziosi kienu talbu li l-kumpens jkun ta’ Lm250,000, mentri l-intimati l-ohra talbu li l-

kumpens jkun ta' Lm380,000. Kien ghalhekk li r-rikorrent Kummissarju tal-Artijiet talab li l-Bord joghgbu jiffissa l-kumpens ghall-proprjeta` msemmija.

b) Il-proceduri msemmija gew decizi b'sentenza tal-10 ta' Ottubru, 1996 meta l-Bord laqgha t-talbiet dedotti fir-rikors u ordna favur ir-rikorrent it-trasferiment b'titolu ta' xiri assolut tal-fondi 223 sa 227 Marina Street, Msida u 2/3/4 Qrejten Street, Gwardamangia, Msida liberi u franki, versu l-kumpens ta' Lm205,500. U innomina Nutar ghal pubblikazzjoni tal-kuntratt u kuratur ghall-kontumaci.

c) Il-Kummissarju tal-Artijiet hassu aggravat bl-imsemmija decizjoni u ghalhekk b'rikors intavolat fl-10 ta' Jannar, 1997, (Rikors numru 1R/97) talab li s-sentenza tigi revokata a tenur tal-Artikolu 811 subincizi (e), (f), (g), (l) u (i) billi kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi; is-sentenza kienet *extra petita;* kienet ukoll *ultra petita*; kienet effett ta' zball li jidher mill-atti jew dokumenti tal-kawza; u tinkludi disposizzjonijiet kontradittorji.

d) It-talba kontenuta fir-rikors numru 1R/97 giet milqugha b'sentenza tal-Bord tal-Arbitragg tal-Artijiet tat-8 ta' April, 2003 billi l-Bord hassar u rrevoka l-imsemmija sentenza tieghu tal-10 ta' Ottubru, 1996 fil-kawza fl-ismijiet premessi u ghall-istess ragunijiet premessi fir-rikors ordna r-ritrattazzjoni tal-istess kawza li kellha tibda tinstema' dakinhar stess. Fl-imsemmija sentenza l-Bord, qabel ma ghadda biex ippronunzja ruhu ppremetta hekk:

"*Ra verbal tad-29 ta' Mejju 2001 fejn giet ordnata l-allegazzjoni tar-rikors numru 2/94 fl-ismijiet "Kummissarju tal-Artijiet vs Maria Teresa Deguara Caruana Gatto et" deciza fl-10 ta' Ottubru, 1996."*

*"Ra l-verbal tal-4 ta' Gunju 2002 fejn l-intimati jirtiraw il-kontestazzjoni taghhom ghar-ritrattazzjoni u awtorizzaw lill-Bord biex jghaddi ghas-smigh mill-gdid tar-rikors numru 2/94 fl-ismijiet "Kummissarju tal-Artijiet vs Maria Teresa Deguara Caruana Gatto et" deciza fl-10 ta' Ottubru, 1996."*

e) Dakinhar stess u cioe` fit-8 ta' April, 2003 il-Bord pprovda kameralment fuq rikors tal-Kummissarju tal-Artijiet tal-4 ta' Ottubru, 2002 fejn kien talab r-revoka "*contrario imperio"* tal-hatra taz-zewg periti li ssostitwew il-perit formanti parti mill-Bord fil-kawza li taghha qeghdha tintalab ir-ritrattazzjoni u l-Bord ipprovda hekk:

*"Il-Bord, Ra r-rikors tad(recte: u) -digriet precedenti tieghu; ra in-notifika lill-intimati, Ikkunsidra; Illi ghalkemm fil-verbal tas-seduta tal-4 ta' Gunju tas-sena 2002 li jirrizulta qbil bejn il-kontendenti li wara li l-intimati irtiraw il-kontestazzjoni taghhom, il-Bord kellu jghaddi kif ghamel ghas-smigh mill-gdid tar-rikors originali, u infatti ghadda ghan-nomina ta' membri teknici, u ddiferixxa r-rikors originali ghar-rapport u ghas-sentenza, bl-adezjoni tal-kontendenti, il-Ligi effettivament trid u tezigi illi kull talba ghar-ritrattazzjoni tigi deciza b'sentenza separata u qabel ma l-kawza ritrattata tista' tigi mismugha mill-gdid a tenur tal-Artikolu 820 tal-Kap 12. Ghalhekk billi ma nghatatx sentenza fuq it-talba tar-ritrattazzjoni l-Bord ma setghax jghaddi biex jibda jisma' r-rikors originali u jghaddi biex jahtar il-membri teknici u ghalhekk qieghed jilqa t-talba tar-rikorrent ghar-revoka tad-digriet tieghu, fejn hatar il-membri teknici u rrevoka 'contrario imperio' d-digriet tieghu tal-4 ta' Gunju tal-2002 u jirrizerva li jipprovdi ghal hatra tal-membri teknici wara sentenza finali f'dan ir-rikors."*

f) Fl-udjenza tat-8 ta' April, 2003 gie registrat li r-rikors 1/97 kien gie deciz in parte u inoltre gie verbalizzat li "*Billi dan il-Bord kif presedut m'ghandux kompetenza biex jibqa' jisma' r-rikors li ghandu ma giex differit ghas-sentenza, qed jiddiferixxi l-kawza Sine Die sabiex tigi assenjata lil dan il-Bord diversament presedut."*

g) Dan il-verbal gie registrat billi s-smiegh mill-gdid tar-rikors numru 2/94, kif ordnat fis-sentenza moghtija dakinhar stess fl-atti tar-rikors numru 1/97, kellu jibda jinstema' dakinhar stess u la darba l-Magistrat Montebello ma kienx ghadu jippresjedi l-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet, l-unika triq kienet li r-rikors numru 2/94 jigi differit

*sine die* sakemm jigi assenjat lill-istess Bord diversament presedut.

h) Wara din is-sentenza u verbal sar zball kemm mir-rikorrent kif ukoll mill-intimati billi b'rikorsi separati, wiehed tad-9 ta' Mejju, 2003 u iehor tat-2 ta' Gunju, 2003, il-partijiet skorrettament talbu r-riappuntament tar-rikors numru 1/97 u ma rrealizzawx li ma kienx dak ir-rikors li thalla *sine die* billi dak kien gie deciz finalment, izda kien ir-rikors 2/94 li tqieghed *sine die* pendenti komposizzjoni gdida tal-Bord. Sfortunatament ic-Chairman il-gdid tal-Bord ma ndunax bl-izball u ddegreta r-rikors tal-intimati tat-2 ta' Gunju, 2003 billi appunta r-rikors (u cioe` dak bin-numru 1/97) ghas-27 ta' Gunju, 2003 fid-9.30 u l-Avviz ghas-Smiegh ta' kawza riappuntata wara li tkun marret *sine die* nhareg b'referenza ghar-Rikors numru 1/97 (vide fol. 110 tal-process).

i) Fl-udjenza tal-4 ta' Settembru, 2003, minkejja d-digriet tal-Bord tat-8 ta' April, 2003 meta l-hatra tal-periti godda kienet giet revokata, id-difensuri tal-kontendenti baqghu jirreklamaw dwar din il-hatra u fit-12 ta' Settembru, 2005 inghata provvediment, dejjem fil-proceduri Rikors Numru 1R/97, li permezz tieghu regghu gew mahtura bhala Periti Renato Laferla u Joseph Jaccarini biex jiehdu konjizzjoni mill-gdid tar-rikors.

j) Finalment inghatat is-sentenza li qed tigi appellata dejjem fl-atti tar-rikors numru 1R/97 u mill-korp tal-istess sentenza jidher li l-Bord kien qed jirreferi ghall-atti tar-rikors ta' ritrattazzjoni u, minghajr ma ghamel referenza ghas-sentenza li kkancellat is-sentenza tal-10 ta' Ottubru, 1996 fl-atti tar-rikors numru 2/94, ghaddiet biex iddecidiet il-mertu tal-istess rikors 2/94 fl-atti tal-kawza numru 1/97 li kienet diga` giet deciza.

Minn dawn il-fatti jidher li l-kawza quddiem il-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet rikors numru 2/94 u cioe' l-kawza li kienet tikkoncerna l-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lill-intimati minhabba l-esproprju subit minnhom, u li s-sentenza li nghatat fiha fl-10 ta' Ottubru 1996 giet revokata fuq talba ta' ritrattazzjoni, qatt ma giet

riappuntata wara li l-imsemmija sentenza giet revokata. Illi kull ma sar wara t-8 ta’ April, 2003, meta giet milqugha t-talba ghar-ritrattazzjoni, sar fil-proceduri rikors numru 1R/97 u li s-sentenza appellata nghatat fil-proceduri imsemmija u cioe` fil-proceduri fejn kienet qed tintalab ir-ritrattazzjoni tal-kawza li giet istitwita fl-1994.

Minn dan isegwi li l-ewwel aggravju tal-Kummissarju tal-Artijiet fejn giet sollevata n-nullita` tas-sentenza appellata huwa gustifikat billi huwa inkoncepibbli li tigi trattata fi stadju ta’ l-appell sentenza moghtija fi proceduri li ma ghandhomx x’jaqsmu mar-rikors promotur. Lanqas ma tista’ din il-Qorti tordna l-korrezzjoni tal-okkju tar-rikors billi tissostitwixxi fis-sentenza appellata n-numru tar-rikors minn dak li jirrizulta bhala Rikors Numru 1R/97 ghall-Rikors numru 2/94.

**Decide.**

Ghall-motivi premessi, din il-Qorti tannulla s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------